

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Christophe HANSEN****Agrikoltura u Ikel****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Għal aktar minn 5 snin, kont Membru tal-Parlament Ewropew, u servejt fi rwoli differenti u f'diversi kumitati. Fl-2022, ġejt elett Kwestur tal-Parlament Ewropew. F'dan ir-rwol, iddedikajt l-isforzi tiegħi biex insaħħaħ l-istituzzjoni billi ntejjeb il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom il-Membri tal-Parlament Ewropew jissodisfaw il-mandati tagħhom. F'idmieni ta' rapporteur hija xhieda ta' bini ta' kunsens bejn il-Gruppi Politiċi. Xhieda ta' dan hija l-kisba ta' maġġoranza kbar ħafna fil-plenarja dwar files bħar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jew id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb. Jekk il-Parlament jikkonferma li nista' nkompli nservi l-proġett Ewropew bħala Kummissarju, din l-esperjenza Prattika tal-importanza ta' inklużività fis-smiġh u ta' ftittix tal-kompromessi se tkun imprezzabbli.

Il-fatt li kbirt u pparteċipajt fl-operat ta' razzett żgħir tal-familja fil-frontiera bejn il-Lussemburgu u l-Belġju, sa minn kmieni f'ħajti esperjenzajt l-impatt pożittiv tal-Unjoni. Din l-esperjenza ta' ħajja, imsaħħa b'lawrja fix-xjenzi ambjentali u l-ġestjoni tar-riskju, nisslet f'ija rispettt ġenwin għall-ambjent tagħna, konvinzjoni qawwija tal-ħtieġa li jinħoloq għajxien sostenibbli għal dawk iddedikati għall-art u għall-ikel tagħna, u għarfien akut tar-rwol ewlieni li jaqdu l-politiki agrikoli u ambjentali tal-UE. Għalhekk ninsab partikolarment ferħan li l-President elett inkarigatni bil-portafoll tal-Agrikoltura u l-Ikel. Il-karriera professjonali u s-servizz pubbliku tiegħi ffukaw fuq kwistjonijiet marbuta man-natura u mal-biedja. L-aktar rwoli reċenti f'dan ir-rigward kien dak ta' president tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u l-Bijodiversità u membru tal-Kumitat għall-Agrikoltura, il-Vitikultura u l-Iżvilupp Rurali fil-Kamra tad-Deputati Lussemburgiża. Minn dawn l-esperjenzi, tgħallimt li l-vokazzjoni tal-biedja mhix jirnexxilha tħajjar liż-żgħażaġh.

Sodisfatt li l-President elett għamlet bħala l-prijorità tiegħi li nsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu u tal-ikel. Biex il-biedja tilqa' l-isfidi tal-ġejjieni teħtieġ li l-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni jidħlu għall-kustodja tal-art, billi tippovdihom sodisfazzjon u dinjità. Naqbel bis-sħiħ mal-fehmiet tal-President li dan jeħtieġ li jsir billi attivament nisimġu t-tħassib tan-nies fil-komunitajiet rurali li jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-popolazzjoni tal-UE. Se niżgura segwitu għar-rapport mid-Djalogu Strateġiku dwar il-Ġejjieni tal-Agrikoltura, li ġie elenkat b'mod prominenti fost erba' rapporti li se jservu bħala s-sisien għall-ħidma tal-Kulleġġ. Nintrabat li naħdem mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri sabiex l-għodod rilevanti tal-PAK li jtejbju sehem in-nisa fil-biedja u l-qagħda tagħhom fiż-żoni rurali jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom u jikkomplementaw b'mod effettiv l-interventi nazzjonali. Se naħdem fuq din il-bażi biex niżgura li l-PAK tal-ġejjieni tkun adattata għall-iskop tagħha. Pereżempju, billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-bdiewa nisa għas-self jew għall-investimenti addizzjonali għall-azjendi agrikoli tagħhom. Barra minn hekk, se niżgura li l-kabinett tiegħi jħares il-bilanċ bejn il-ġeneri.

It-tiġdid ġenerazzjonali u l-appoġġ għall-bdiewa żgħażaġħ huma kwistjonijiet għal qalbi ħafna. Il-prinċipju ċentrali tal-approċċ tiegħi għall-politika agrikola se jkun li niżgura li l-biedja tkun attività vijabbli u attraenti għad-deċennji li ġejjin. Biex jiġi żgurat il-ġejjieni tal-biedja fl-Ewropa, għandna niżguraw is-sostenibbiltà fl-aspetti kollha, mis-saħħa tal-ħamrija sar-reżiljenza tal-ilma u t-tnejja għar-riskji klimatiċi, mill-promozzjoni taż-żoni rurali prosperużi u t-trawwim tal-innovazzjoni, inkluż l-aċċess għall-kapital, sal-iżgurar tal-profittabbiltà tal-professjoni tal-biedja u t-tiżi tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur tal-ikel. Barra milli nippreżenta l-istrateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali, se nagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet u lit-tħassib taż-żgħażaġħ fl-implimentazzjoni tal-PAK attwali, filwaqt li nibni fuq id-Djalogi annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ. L-ewwel Djalogu diġà se jiġi organizzat fl-ewwel 100 jum mill-mandat tal-Kulleġġ il-ġdid.

Matul il-karriera tiegħi u fis-servizz pubbliku tiegħi osservajt ir-regoli dwar l-indipendenza u l-akkontabbiltà. Se nkompli nħares bis-sħiħ il-kelma u l-ispirtu tat-Trattati, inkluż l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew mingħajr ma nieħu struzzjonijiet u b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi ta' indipendenza sħiħa, ta' trasparenza, ta' imparzjalità u ta' disponibbiltà għall-Kummissjoni. Se nħares bis-sħiħ u nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea. Nintrabat li ngħarraf lill-President minnufih bi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħi, u jekk ikun hemm bżonn ta' kwalunkwe bidla, se naġġorna d-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi, li se ssir aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tieħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizzjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizzjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Nintrabat bis-sħiħ li nżomm lill-Parlament mgħarraf dwar l-azzjonijiet tiegħi u dawk tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. L-esperjenza tiegħi bħala Membru tal-Parlament Ewropew u tal-Kamra tad-Deputati Lussemburġiża tfisser li r-responsabbiltà lejn il-Parlament, il-kontroll politiku u s-sorveljanza demokratika tal-eżekuttiv, saru naturali għalija. Se nieħu responsabbiltà politika sħiħa għall-azzjonijiet tiegħi fil-qasam tal-Agrikoltura u l-ikel quddiem il-Parlament Ewropew u ċ-ċittadini Ewropej li jirrappreżenta. Ir-rwol tiegħi bħala Membru tal-Kulleġġ, jekk dan jiġi kkonfermat, huwa b'mod inerenti d-dmir li naħdem mal-Kummissarji sħabi fi spirtu ta' kolleġġjalità u ta' lealtà, f'konformità mal-metodi ta' ħidma stabbiliti mill-President. Peress li l-agrikoltura u l-ikel huma intrinsikament marbuta ma' politiki oħra, din il-kooperazzjoni hija tabilħaqq importanti. Peress li kont Membru tal-Parlament Ewropew għal aktar minn 5 snin, naqbel bis-sħiħ mal-aspettattivi leġittimi tal-Parlament mill-Kummissarji. Id-djalogu u l-iskambji regolari u miftuħa mal-kumitati u fil-plenarja huma l-pedament tal-impenn demokratiku tagħna. Dejjem se jkun privileġġ għalija li niġi lura l-Parlament, biex inwieġeb il-mistoqsijiet tal-Membri u biex inżomm livell għoli ta' fiduċja reċiproka, ftuħ u trasparenza fil-kooperazzjoni tagħna. Fil-Linji Gwida Poliċi tagħha, il-President elett enfasizzat id-determinazzjoni tagħha li ssaħħaħ id-djalogu mal-Parlament. Naqbel bis-sħiħ b'riconossiment tal-importanza tal-kooperazzjoni mal-Parlament u mal-Membri eletti tiegħu sabiex il-proċess politiku tal-UE jkun effiċjenti u leġittimu. Għaldaqstant, nintrabat li nattendu regolarment il-Plenarji tal-Parlament u li naħdem mill-qrib mal-kumitati b'interess fil-kwistjonijiet agrikoli u alimentari, mal-membri, mal-koordinaturi u mal-presidenti tagħhom. Bħala Membru tal-Parlament, kelli rekord ta' attendenza għas-seduti plenarji kważi perfett; jekk niġi kkonfermat bħala Membru tal-Kulleġġ, se nkompli nżomm dan l-istandard għoli ħafna. Se niżgura li l-istess ftuħ, trasparenza u kooperazzjoni jingwidaw il-ħidma tal-Kabinett tiegħi u tas-servizzi tal-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Se nipprovdi segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet u għat-talbiet tal-Parlament għall-inizzjattivi leġiżlattivi. Nassumi r-responsabbiltà li nimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 u tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet għall-oqsma ta' responsabbiltà tiegħi. Se nqis il-fehmiet tal-Parlament, u se nagħmel l-almu tiegħi biex niżgura li r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament jingħataw tweġiba bil-miktub f'waqtha. Nosserva li fil-linji gwida poliċi tagħha, il-President elett esprimiet l-impenn tagħha li tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar l-Artikolu 225 tat-TFUE billi talbet lill-Kummissarji jieħdu sehem fi djalogi strutturati mal-kumitati Parlamentari dwar dawn ir-riżoluzzjonijiet. Huwa pjaċir tiegħi li nagħmel dan, u tistgħu tistennew li tarawni ta' spiss fi Brussell u fi Strasburgu.

Fl-aħħar nett, kelli l-unur nieħu sehem f'diversi proċeduri leġiżlattivi, mill-abbozzar u n-negozjar tal-pożizzjoni interna tal-Parlament, sat-twettiq tal-mandat fin-negozjati interistituzzjonali. Din l-esperjenza ħallietli konvinzjoni profonda tal-ħtieġa tat-trattament ugwali tal-Parlament u tal-Kunsill u tal-ħtieġa ta' sħubija speċjali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni. Għaldaqstant nintrabat li nimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet imsemmija hawn fuq, filwaqt li niżgura trattament ugwali kull meta l-kompetenzi bejn il-Parlament u l-Kunsill ikunu ugwali. Inqis li dan huwa prerekwiżit biex it-tliet istituzzjonijiet ikunu jistgħu jinnegozjaw u jilhq u b' suċċess ftehimiet politiċi li jissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej fil-5 snin li ġejjin.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

3. Il-protesti tal-bdiewa fir-rebbiegħa kienu espressjoni ċara tad-diffikultajiet enormi li jiffaċċjaw il-bdiewa. Enfasizzaw b'mod partikolari l-ħtieġa għal introjtu ġust, il-profittabbiltà baxxa tal-biedja minħabba prezzijiet baxxi tal-produtturi u spejjeż għoljin tal-produzzjoni, il-kompetizzjoni inġusta mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u n-nuqqas ta' reċiproċità, u l-piż regolatorju u n-nuqqas ta' inċentivi biex jintlaħqu standards ambjentali għoljin fl-agrikoltura. Peress li l-bdiewa spiss huma l-aktar ħolqa dgħajfa fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-introjtu tagħhom huwa strutturalment inqas mill-medja ta' setturi oħra, x'inhuma l-ideat tiegħek għal "Viżjoni dwar l-Agricoltura u l-Ikel" imħabbra fl-ittra ta' missjoni tiegħek bħala Kummissarju nnominat biex tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa, ittejjeb il-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista tal-ikel, issaħħaħ it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, kif ukoll tattira bdiewa żgħażaġħ lejn is-settur? Kif qed tippjana, fuq terminu qasir u twil, li ttaffi u tissimplifika aktar il-piż amministrattiv u l-obbligi ta' rapportar li jirriżultaw minn diversi politiki dwar il-bdiewa?

Il-bdiewa u dawk li beħsiebhom jidħlu għall-biedja jistħoqqilhom viżjoni ċara tas-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel li twassal aktar prevedibbiltà u li tkun adattata għall-ġenerazzjonijiet futuri. F'dan il-punt ta' inflessjoni, irridu nistaqsu lilna nfusna: x'inhuma l-kundizzjonijiet li se jippermettu lill-bdiewa jkomplu jwettqu l-kustodja tal-art, jipprovdulhom sodisfazzjon u dinjità, jgħixu fl-azjendi agrikoli tagħhom illum, għada u fl-2040?

Ħafna bdiewa kellhom żminijiet diffiċli, u semmgħu lehinom din is-sena. Introjtu baxx u li jvarja, relazzjonijiet kummerċjali żbilanċjati fil-katina tal-valur, rekwiżiti regolatorji kumulattivi, l-effetti tat-tibdil fil-klima u instabbiltà ġeopolitika li qed tikber huma sfidi li ta' spiss iwasslu biex il-biedja ma tagħtix sodisfazzjon. Għalhekk mhux sorpriża li l-biedja mhix tħajjarhom liż-żgħażaġħ.

Nixtieq nuri apprezzament lejn ir-reżiljenza notevoli li l-bdiewa wrew matul dawn l-aħħar snin. Irnexxielhom ikompli jipprovdulhom ikel suffiċjenti, sikur u ta' kwalità għolja għall-Ewropa u għall-pajjiżi terzi, filwaqt li kienu gwardjani ta' artna, ippreservaw il-pajsaġġi, żammew il-wirt kulturali ħaġ u ż-żoni rurali vibranti. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nipprepara Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi, filwaqt li naħdem taħt il-gwida tal-President u f'kooperazzjoni ma' membri oħrajn tal-Kulleġġ. Dan se jkun pjan direzzjonali għal inizjattivi futuri li se jkopru sett wiesa' ta' kwistjonijiet strateġiċi għall-agrikoltura u l-ikel.

Din il-Viżjoni se tħares lejn il-katina tal-valur agroalimentari sħiħa u tipproponi perkorsi biex jiġu żgurati l-kompetittività, is-sostenibbiltà, il-profittabbiltà u l-attrazzjoni fit-tul tas-settur, filwaqt li tinżamm id-diversità tal-biedja madwar il-kontinent tagħna. Se tindirizza, fost oħrajn, is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-bdiewa u b'mod partikolari l-introjtu tagħhom, tagħmel il-ktajjen tal-valur aktar ġusti, ittejjeb ir-reżiljenza tal-azjendi agrikoli, tinentiva Prattiki tal-biedja sostenibbli, tnaqqas it-telf u l-ħela tal-ikel, timmaniġġja u tnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea u mir-rekwiżiti ta' rapportar u tistimula l-għarfien, l-innovazzjoni u l-investment.

Il-Viżjoni se tispjega kif se nimxu 'l quddiem f'dawn l-oqsma ewlenin, filwaqt li naħdmu flimkien mal-partijiet ikkonċernati, mal-Istati Membri, u mal-Parlament Ewropew. Se tibbaża fuq ir-rapport tad-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-Agricoltura tal-UE filwaqt li tikkunsidra l-perspettivi rilevanti kollha, inkluż b'mod partikolari mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet biex tinbidel ix-xejra ta' tiġdid ġenerazzjonali li għadu lura, billi jiġi żgurat li l-biedja tibqa' vokazzjoni vijabbli u attraenti għexieren ta' snin fil-futur, se jkun il-prinċipju ċentrali tal-Viżjoni tiegħi. L-aktar ċifri reċenti juru li 12 % biss tal-azjendi agrikoli kollha fl-UE huma ġestiti minn bdiewa taħt l-età ta' 40 sena. Neħtieġu azzjoni kuraġġuża biex insostnu l-futur tal-biedja għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Irridu niżguraw li l-ġenerazzjoni li jmiss tkun tista' tkompli ssib sodisfazzjon fl-attività agrikola biex tipprowdi ikel ta' kwalità għolja, b'sistemi ta' produzzjoni fejn in-natura u l-agrikoltura jimxu id f'id. Il-bdiewa żgħażaġħ irid ikollhom introjtu ġust, ħamrija fertili, aċċess għall-art u l-kapital, il-ħiliet it-tajba, it-teknoloġija u l-materjal tat-tmissil innovattiv,

b'sistemi reżiljenti tal-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem li jissodisfaw ukoll id-domandi tal-konsumaturi, u li jipproduċu b'mod sostenibbli f'żoni rurali attraenti.

Huwa għalhekk li se ninvolvi ruħi mill-qrib mal-bdiewa żgħażaġh u maż-żgħażaġh Ewropej, anke permezz ta' djalogu ta' politika maż-żgħażaġh fl-ewwel 100 jum tal-mandat il-ġdid, biex niżviluppa strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali. Din l-istrateġija se jkollha l-għan li tippermetti lill-bdiewa żgħażaġh jiddedikaw bis-siġħ l-ispirtu intraprenditorjali u l-potenzjal ta' innovazzjoni tagħhom għall-futur tas-settur. Dan ikun jinkludi miżuri konkreti u innovattivi biex jiġu indirizzati aħjar l-intoppi ewlenin għat-tiġdid ġenerazzjonali, inkluż l-aċċess għall-art, il-kreditu u l-għarfien. Wieħed minn dawn se jkun osservatorju Ewropew dwar l-artijiet li jgħinna nippromwovu t-trasparenza fis-suq tal-art, inkluż permezz ta' mekkaniżmu biex tiġi skrinjata l-oriġini tal-investment fl-art u fl-azjendi agrikoli.

Biex il-bdiewa jibqgħu f'din il-professjoni, u biex jidħlu fiha ż-żgħażaġh, huwa kruċjali li l-azjendi agrikoli jkollhom introjtu ġust u suffiċjenti. Madankollu, bħalissa l-introjtu tal-bdiewa huwa bħala medja ħafna aktar baxx mill-pagi medji fl-UE. Ħafna bdiewa ma għandhomx il-mezzi meħtieġa biex jinvestu fit-tranżizzjoni. Din is-sitwazzjoni żbilanċjata trid tinbidel. Il-bdiewa jridu jiksbu dħul aħjar mis-suq, li jippermettilhom ukoll jagħmlu l-investimenti meħtieġa li jibqgħu validi fil-futur u jagħmlu l-azjendi agrikoli tagħhom aktar reżiljenti.

Biex nikseb dan, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niddefendi sett komprensiv ta' miżuri. Irridu niffukaw fuq is-sorsi kollha tal-introjtu: l-introjtu mis-suq, l-appoġġ pubbliku għall-introjtu, u sorsi alternattivi ġodda ta' introjtu, bħas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. L-għan aħħari tal-politika tagħna jrid ikun li niżguraw li s-suq jipprema lill-bdiewa b'mod aktar xieraq filwaqt li niproteġu l-ħamrija u l-ambjent biex niżguraw li l-bażi għall-agrikoltura tiġi sostnuta għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Evidentement, l-appoġġ permezz tal-PAK jibqa' essenzjali biex jappoġġja lill-bdiewa, jippremahom għas-servizzi tal-ekosistema u jikkompensa għax-xogħol f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, u biex jappoġġja l-investimenti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih u l-konformità mal-obbligi ambjentali. Il-Politika Agrikola Komuni rridu nagħmluha aktar sempliċi u aktar mmirata u nsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-inċentivi, l-investimenti u r-regolamentazzjoni. Se niżgura li din tagħti appoġġ soċjoekonomiku lil dawk il-bdiewa l-aktar li għandhom bżonnu, notevolment il-bdiewa fuq skala żgħira, tipprovdi inċentivi għas-servizzi tal-ekosistema u tappoġġja ż-żoni rurali tagħna.

Biex il-bdiewa jiksbu dħul deċenti mis-suq, jeħtieġ li jkunu jistgħu jinnegożjaw prezzijiet ġusti. Madankollu, bħalissa, ħafna bdiewa mhumiex f'pożizzjoni li jagħmlu dan minħabba s-setgħa ta' negożjar aktar dgħajfa tagħhom u n-nuqqas ta' trasparenza fis-suq. Nintrabat li nsaħħaħ aktar is-setgħa ta' negożjar tal-bdiewa u nimminimizza r-riskju li dawn jiġu sfurzati sistematikament ibiġħu taħt il-kostijiet tal-produzzjoni.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niddeskrivi l-perkorsi dwar kif dan jista' jsir fil-Viżjoni għall-agrikoltura u għall-ikel. L-ewwel nett, jeħtieġ li ngħinu lill-bdiewa jagħmlu użu aħjar mill-għodod eżistenti, b'mod partikolari l-possibbiltà li jingħaqdu mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. It-tieni, se nirrakkomanda li l-Kummissjoni tipproponi malajr emendi mmirati għar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi fin-negożjati u l-konklużjoni ta' kuntratti għall-provvista ta' prodotti agrikoli, trawwem il-kooperazzjoni u tejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet. Bl-istess mod, biex il-bdiewa jiġu protetti aktar minn Prattiki Kummerċjali Inġusti, se nirrakkomanda li l-Kummissjoni tipproponi regoli ġodda dwar l-infurzar transfruntier fil-qafas tad-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni li għaddejjja tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti, bi skambju mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha, se nqis rieżami tar-regoli attwali. Barra minn hekk, beħsiebni nsaħħaħ il-fiduċja fost l-operaturi tal-katina tal-valur billi ntejjeb it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet u t-trażmissjoni, bl-użu tal-għarfien tal-Osservatorju l-ġdid tal-katina agroalimentari.

Fl-aħħar nett, is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni effiċjenti se nagħmilhom prijorità. Politiki aktar sempliċi u aċċess għall-għodod xierqa huma meħtieġa għal agrikoltura aktar kompetittiva. Fl-istess ħin, huma meħtieġa rappurtar u kontrolli sinifikanti biex jiġi segwit kif xieraq l-ilhūq tal-obbjettivi ta' politika, inklużi l-għanijiet ambjentali tagħna. Għalhekk il-viżjoni tiegħi għall-futur se ssib bilanċ: il-bdiewa jitħallew jaħdmu l-art tagħhom mingħajr burokrazija eċċessiva filwaqt li jiġi pprovdut il-livell xieraq ta' assigurazzjoni dwar kif jintefqu l-flus tal-UE, abbażi tal-immirar u l-prestazzjoni t-tajba. Irridu nużaw il-benefiċċji tat-teknoloġija u l-għodod diġitali għal dan il-għan, filwaqt li nnaqqsu l-piż għal benefiċċjarji iżgħar permezz ta' skemi sempliċi u nnaqqsu d-distakk diġitali bejn il-bdiewa żgħażaġh u dawk akbar fl-età.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tanalizza bir-reqqa l-piż amministrattiv fuq il-bdiewa u fuq l-awtoritajiet nazzjonali; għad hemm ħafna lok għal titjib u nimpnja ruħi li mmur lil hinn, abbażi tar-riżultati tal-analiżi li għaddejjja bħalissa. Beħsiebni naħdem mill-qrib mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ, kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati, mal-Istati

Membri u mal-Parlament Ewropew, biex inkompli nnaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq il-bdiewa fil-leġiżlazzjoni Ewropea kollha li taffettwa s-settur agrikolu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-piż għall-bdiewa u s-simplifikazzjoni tal-PAK se jkunu prijorità għall-proposti tal-PAK wara l-2027.

4. Sur Kummissarju nnominat, x'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-implikazzjonijiet tat-tkabbir fir-rigward tal-PAK futura speċjalment il-futur tal-pagamenti diretti? Kif beħsiebek tevita jew ittaffi l-effetti negattivi possibbli tal-proċess ta' tkabbir fuq is-swieq u l-produtturi agrikoli tal-UE? Bħalissa tara l-ħtieġa li jiġi rregolat aktar id-dħul ta' prodotti Ukreni sabiex jiġi evitat li s-swieq agrikoli tal-UE jiġu destabilizzati? Taħseb li l-miżuri protettivi fis-seħħ minn Ġunju li għadda huma suffiċjenti? B'mod aktar ġenerali, x'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar in-negozjar mill-ġdid attwali tal-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ukrajna?

Il-politika tat-tkabbir tal-UE hija aktar minn qatt qabel investment ġeostrateġiku fil-paċi, l-istabbiltà, l-influwenza, il-kompetittività u s-sigurtà fit-tul, inkluża s-sigurtà tas-settur agroalimentari, għall-kontinent tagħna. Jeħtieġ li nappoġġjaw kemm lill-kandidati kif ukoll lill-kandidati potenzjali tul il-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-UE filwaqt li nħejju ruħna biex nilqgħu membri ġodda fl-Unjoni.

It-tkabbir għall-pajjiżi kandidati jista' jsaħħaħ lill-UE bħala attur ġeostrateġiku fis-settur agrikolu, isaħħaħ ir-rwol tagħna fl-appoġġ għas-sigurtà globali tal-ikel, u jżid b'mod sinifikanti l-awtonomija strateġika tal-UE fl-ikel, l-għalf, il-bijomassa u l-ħamrija, fi żmien ta' riskji dejjem akbar minħabba t-tibdil fil-klima. Dan se jinvolvi wkoll sfidi. Iżda dan mhuwiex l-ewwel tkabbir tal-UE u mhux l-ewwel darba li rridu nirriflettu dwar il-futur tal-PAK f'Unjoni mkabbra. Dan diġà nkiseb qabel bl-aġġustament tal-politiki tal-UE qabel l-adeżjoni, b'mod partikolari permezz ta' proċess ta' adeżjoni rigoruż li jiżgura li l-pajjiżi tat-tkabbir jitħejjew bis-sħiħ qabel l-adeżjoni, u permezz ta' assistenza mmirata. Dan l-approċċ ikkontribwixxa biex naqsu d-distakki bejn l-Istati Membri l-qodma u dawk ġodda. L-adeżjoni formali mal-UE ma seħħitx bħala xokk ta' tfixkil għal Stati Membri ġodda u eżistenti, iżda bħala stadju ulterjuri f'integrazzjoni bla xkiel ta' Stati Membri ġodda fil-politiki u l-baġit tal-UE. Dan ġie kkomplementat, fejn meħtieġ, minn perjodi tranżizzjonali wara l-adeżjoni, bħall-introduzzjoni gradwali ta' fondi u l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-UE, kif ukoll integrazzjoni gradwali fis-suq intern.

Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għat-Tkabbir, l-Istati Membri, il-pajjiżi tat-tkabbir u l-partijiet ikkonċernati biex niddiskuti l-futur tal-agrikoltura f'Unjoni akbar. L-impatt potenzjali tat-tkabbir fuq l-agrikoltura fl-Istati Membri attwali jeħtieġ li jiġi vvalutat, filwaqt li jitqiesu bosta inċertezzi:

- l-istrutturi tal-azjendi agrikoli u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-pajjiżi tat-tkabbir sa-ż-żmien tal-adeżjoni tagħhom;
- l-appoġġ li l-pajjiżi tat-tkabbir jistgħu jirċievu fil-futur biex jappoġġjaw l-adattament tas-settur agrikolu tagħhom (eż. programmi ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni);
- l-evoluzzjoni kontinwa tas-setturi agrikoli, li assolutament mhumiex statiċi, u tax-xejriet tal-konsum fl-UE, fil-pajjiżi tat-tkabbir u globalment.

Irridu niftakru li l-adeżjoni hija u se tibqa' proċess ibbażat fuq il-mertu, kompletament dipendenti fuq il-progress oġġettiv miksub minn kull sieħeb, li jibda bil-kriterji fundamentali għall-adeżjoni mal-UE, b'mod partikolari d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-riformi ekonomiċi u tal-amministrazzjoni pubblika.

Għalhekk, bit-tkabbir jew mingħajru, irridu nagħmlu l-Politika Agrikola Komuni aktar sempliċi u aktar immirata; u nsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-inċentivi, l-investimenti u r-regolamentazzjoni. Il-ħtieġijiet speċifiċi ta' Unjoni akbar jiżdiedu mal-ħtieġa inevitabbli għal Politika Agrikola Komuni modernizzata u aktar sempliċi. It-tkabbir huwa għalhekk l-opportunità — għalkemm mhux l-iskattatur — biex jiġi żgurat li l-infiq tagħna jkun allinjat aħjar mal-objettivi ta' politika tagħna tal-lum u ta' għada.

Ninsab fiduċjuż li, bħal fil-passat, se nkunu nistgħu naġġustaw u nħejju l-PAK għar-realtajiet ta' Unjoni akbar, filwaqt li niżguraw li tibqa' effettiva u ta' benefiċċju għall-bdiewa attwali u futuri fir-reġjuni kollha ta' UE mkabbra.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Ukrajna, ippermettuli l-ewwel nett intenni li jien naqbel mal-Ukrajna u l-impenn sħiħ tal-President von der Leyen li nkomplu bl-appoġġ sod tagħna lill-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Biex tiġi appoġġjata l-ekonomija tal-Ukrajna, ittiedu

miżuri immedjati fil-forma ta' miżuri kummerċjali awtonomi tal-UE li taw lill-Ukrajna liberalizzazzjoni sħiħa tal-kummerċ minn Ġunju 2022. Fid-dawl tal-perssoni potenzjali fis-swieq tal-pajjiżi ġirien: ir-Regolament attwali dwar il-miżuri kummerċjali awtonomi jinkludi mekkaniżmi biex jiġi indirizzat tħassib serju għall-produtturi tal-UE fil-forma ta' dispożizzjonijiet ta' salvagwardja msaħħa. Dan għen lis-swieq l-aktar sensitivi jistabbilizzaw u ta sinjali pożittivi fir-rigward tal-perspettiva fit-tul.

Għall-ġejjieni, nirrikonoxxi l-bżonn għal arranġament aktar stabbli u strutturali mal-Ukrajna dwar il-kummerċ reċiproku tagħna fil-prodotti agroalimentari. Il-Kummissjoni diġà impenjat ruħha li tibda taħditiet mal-Ukrajna għal liberalizzazzjoni kummerċjali ulterjuri permanenti u reċiproka, kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna. Ir-rieżami taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA – Deep and Comprehensive Free Trade Area) se jikkontribwixxi wkoll għall-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-Suq Uniku, u se jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għan-negozji kemm mill-UE kif ukoll mill-Ukrajna. Se jqis it-tagħlimiet meħuda mil-liberalizzazzjoni attwali u jipprovi ċertezza ekonomika u stabbiltà fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Ukrajna għas-snin li ġejjin. L-oġettiv huwa li l-operaturi Ukreni jingħataw opportunitajiet kontinwi għall-esportazzjoni ta' prodotti agroalimentari lejn l-UE, filwaqt li fl-istess ħin jiġi indirizzat it-tħassib tal-partijiet ikkonċernati tal-UE, b'mod partikolari f'setturi speċifiċi fejn iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Ukrajna tista' taffettwa b'mod negattiv is-sitwazzjoni fis-swieq. Bl-istess mod, l-operaturi tal-UE se jkollhom aċċess aħjar għas-suq Ukren. Se nagħti attenzjoni lill-interessi tal-bdiewa tal-UE u niżgura li t-trattament ta' setturi sensitivi f'dan il-proċess isib il-bilanċ it-tajjeb. Barra minn hekk, fir-rigward ta' dan il-ftuħ tas-suq permanenti u reċiproku, l-intenzjoni tal-Kummissjoni hi li torbot l-aċċess imtejjeb għas-suq Ewropew għall-prodotti agrikoli Ukreni mal-konformità gradwali tal-Ukrajna mal-istandards tal-produzzjoni rilevanti tal-UE.

5. L-agrikoltura hija aktar dipendenti minn kważi kull settur ieħor fuq fatturi esterni bħal avvenimenti klimatiċi, swieq volatili jew ċirkostanzi ġeopolitiċi li fuqhom f'it li xejn għandha influwenza. Għalhekk, settur agrikolu reżiljenti u ġestjoni robusta tal-kriżijiet huma essenzjali għall-politika agrikola futura. Bħala Kummissarju nnominat, x'inhuma l-ideat tiegħek għat-titjib tar-reżiljenza u l-ġestjoni tal-kriżijiet u tar-riskju fis-settur agrikolu, inkluża r-riżerva għall-kriżijiet, fid-dawl tal-isfidi esterni msemmija hawn fuq? B'mod partikolari, kif qed tippjana li tindirizza l-isfidi relatati mal-ilma, inkluża d-disponibbiltà tal-ilma, li qed isiru dejjem aktar kwistjonijiet ewlenin fil-produzzjoni agrikola?

It-tibdil fil-klima u l-avvenimenti tat-temp estrem, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, kif ukoll it-telf ta' art agrikola, forestali u art oħra seminaturali u naturali jikkonfrontaw l-Ewropa b'riskju u vulnerabbiltajiet dejjem akbar. Kif enfasizzat fil-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa ta' Marzu ta' din is-sena, il-produzzjoni tal-għeġġel diġà qed tħabbat wiċċha ma' livelli kritiċi ta' riskju fin-Nofsinhar tal-Ewropa. Barra minn hekk, l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi relatati qed jeżerċitaw dejjem aktar pressjoni fuq l-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel. Nistgħu naqblu lkoll li dawn jippreżentaw sfidi enormi għas-settur agroalimentari tal-UE f'kuntest domestiku u globali kompetittiv ħafna. Fl-istess ħin, is-settur agroalimentari tal-UE għandu ħafna punti b'saħħithom, mhux l-inqas il-bdiewa Ewropej u d-diversità tat-territorju tal-UE.

Is-settur agrikolu u tal-ikel tal-UE huwa diġà involut fi tranżizzjoni: li jsir aktar reżiljenti u sostenibbli, li jimmitiga u jadatta aktar għat-tibdil fil-klima, li jnaqqas l-impatt tiegħu fuq l-ambjent — filwaqt li jkompli jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel tal-UE u dik globali. Dan bis-saħħa ta' bdiewa u intraprendituri innovattivi u tas-sengħa fis-settur. Dan għandna nirrikonoxxuh.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niżgura li nżidu l-isforzi tagħna biex nakkompanjaw lill-bdiewa u lin-negozji f'din it-tranżizzjoni u noħolqu ambjent abilitanti biex il-bdiewa u l-imprendituri kollha fl-UE jsibu mudell ta' negozju li jaqbel bl-aħjar mod mar-realtà ġeografika u klimatika tagħhom. Kif jiddeskrivi d-Djalogu Strateġiku, it-tiħiħ tar-reżiljenza trasformattiva tas-settur agroalimentari jrid jikkombina soluzzjonijiet kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul.

Se niddefendi politika tal-UE dwar l-introjt għall-bdiewa tal-Ewropa.

Biex inħejju għall-futur, jeħtieġ li nindirizzaw aħjar it-tħejjija għar-riskji klimatiċi u l-ġestjoni tal-kriżijiet, u niżguraw li l-ħtiġijiet taż-żoni rurali jiġu indirizzati b'mod speċifiku. Approċċ ta' politika effiċjenti u effettiv għall-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura jrid iqis l-interazzjonijiet u l-kompromessi bejn ir-riskji differenti, l-istrateġiji fl-azjendi agrikoli, is-soluzzjonijiet tas-suq u tal-katina tal-provvista, u l-politiki tal-gvern. Filwaqt li huma meħtieġa għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet biex jiġu indirizzati avvenimenti katastrofiċi fuq terminu qasir, dawn ma għandhomx jillimitaw il-bidla trasformattiva u l-adozzjoni mill-bdiewa ta' soluzzjonijiet aktar fit-tul. Huwa importanti li l-politiki ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet jiffaċilitaw trasformazzjoni lejn settur agrikolu reżiljenti u sostenibbli.

B'kostijiet relatati mal-avvenimenti eċċezzjonali li jagħmlu l-assigurazzjonijiet agrikoli dejjem aktar riskjużi għall-operaturi, huma meħtieġa approċċi ġodda. Biex inkunu ċari: l-iskemi tal-assigurazzjoni eżistenti se jsiru inqas vijabbli finanzjarjament kemm għall-operaturi kif ukoll għall-assigurat. Biex naħdmu kontra dan l-ispiral negattiv, jeħtieġ li nikkondividu r-riskji aħjar, innaqqsu r-riskju mill-assigurazzjoni biex nattiraw aktar finanzjament privat u nipprovdur ambjent abilitanti billi naħdmu fuq it-trasparenza tas-suq pereżempju. Nintrabat li naħdem fuq offerta mtejba ta' għodda għall-ġestjoni tar-riskju agrikolu fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Se nagħmel ukoll rieżami tas-sett ta' għodod eżistenti taħt il-PAK u se nivaluta kif nistgħu ntejbu dawn l-għodod bl-aħjar mod biex nibnu aħjar ir-reżiljenza tas-sistema agrikola Ewropea u nneħħi r-riskju tagħhom għall-atturi tas-suq. Fil-fehma tiegħi, il-PAK għandha tiffoka dejjem aktar fuq inċentivi u strumenti li jrawmu l-adattament u r-reżiljenza fit-tul tal-azjendi agrikoli u, fl-istess ħin, li jagħmlu l-assigurazzjoni inqas riskjuża u għalja.

Minbarra l-istrumenti għall-ġestjoni tar-riskju, l-għodod ta' tħejija u rispons għall-kriżijiet huma essenzjali, peress li lanqas l-aktar miżuri effettivi ta' prevenzjoni u ġestjoni tar-riskju ma jistgħu jevitaw l-okkorrenza ta' kriżijiet u xokkijiet li l-bdiewa mhumiex kapaċi jassorbu waħedhom, kemm jekk ikunu klimatiki, ambjentali, (geo)ekonomiċi, jew (geo)politiċi. Dan huwa ddikjarat b' mod ċar fir-rakkomandazzjonijiet impressqa mid-Djalogo Strateġiku dwar il-futur tal-Agricoltura fl-UE.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nkompli l-isforzi reċenti fil-qafas tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel u nweżsagħhom, bħala kontribut ewlieni għall-istrateġija ta' tħejija tal-Unjoni fir-rigward tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel. F'dan il-kuntest, mistenna bil-ħerqa r-rapport li jmiss ta' Niinistö dwar kif jistgħu jingħataw aktar saħħa t-tħejija u l-prontezza ċivili u tad-difiża tal-Ewropa, fejn is-sigurtà tal-ikel għandha titqies bħala komponent kritiku ta' kwalunkwe tħejija.

F'termini ta' rispons, il-miżuri eċċezzjonali tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq u r-riżerva agrikola pprovdew appoġġ f'waqtu lill-bdiewa tal-UE li qed jiffaċċjaw varjetà mifruxa ta' ċirkostanzi li jaffettwaw il-vijabbiltà ekonomika tagħhom, minn disturbji fis-suq minħabba ċirkostanzi ġeopolitiċi, għall-ġlieda kontra t-tixrid tal-mard tal-annimali u l-impatti ta' avvenimenti avversi estremi tat-temp u diżastri naturali mingħajr preċedent. Nemmen li l-istrumenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet huma sinjal importanti tal-kura tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-solidarjetà Ewropea mal-bdiewa tagħna. Għall-gejjenji, irridu niżguraw li l-ġestjoni tal-kriżijiet u t-tħejija għalihom ma jsirux diżinċentiv għall-bdiewa biex jadottaw strateġiji ta' ġestjoni tar-riskju fl-azjendi agrikoli tagħhom, eż. il-bidla għal prattiki tal-biedja aktar reżiljenti.

Se jkun importanti ħafna wkoll li jitkomplew u jissaħħu l-isforzi biex is-settur agrikolu tagħna jsir aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u b' mod partikolari għal avvenimenti estremi tat-temp bħall-għargħar u n-nixfiet, imma wkoll għat-tisħin ġenerali u l-bidliet fix-xejriet tal-preċipitazzjoni. Settur agrikolu reżiljenti għall-ilma mhux għażla, huwa neċessità, u se naħdem mill-qrib ħafna mal-Kummissarju għall-Ambjent u għar-Reżiljenza tal-Ilma u għal Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva biex titfassal l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma, li se jkollha l-għan li tgħin lill-bdiewa jiksbu agrikultura intelliġenti fl-użu tal-ilma.

L-appoġġ tal-PAK jibqa' essenzjali għal azzjonijiet biex tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, (b'effetti pożittivi fuq il-limitazzjoni tal-erożjoni jew il-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' sponża li jgħinu fil-ġlieda kontra kemm l-ilma żejjed kif ukoll in-nixfa), biex jinżammu u jinħolqu karatteristiċi tal-pajsaġġ li għandhom effetti ta' mitigazzjoni, kif ukoll biex isir investiment f'infrastrutturi aħjar għall-irrigazzjoni u għall-użu mill-ġdid tal-ilma, biex tiġi appoġġjata l-biedja ta' preċiżjoni, u għelejjel u varjetajiet aktar reżiljenti. Għandhom jiġu promossi approċċi ġodda fil-livell tal-pajsaġġ. Bl-istess mod, huwa essenzjali li jkun hemm rwol aktar b'saħħtu għas-servizzi ta' konsulenza fit-territorju kollu tal-UE, biex jappoġġja lill-bdiewa involuti fi prattiki u sistemi aktar reżiljenti adattati għall-esponiment ġeografiku u klimatiku lokali tagħhom. Dawn joħolqu sitwazzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd peress li jagħmlu l-assigurazzjoni tan-negozji tal-biedja aktar attraenti.

Għandna nippremjaw lill-bdiewa li jikkontribwixxu għall-ħarsien jew ir-restawr tas-servizzi tal-ekosistema tagħna. Filwaqt li se naħdmu f'din id-direzzjoni għall-perjodu ta' wara l-2027, l-Istati Membri diġà mxew f'din id-direzzjoni minn issa, pereżempju permezz tal-hekk imsejja ekoskemi u strumenti agroambjentali u klimatiki.

Nemmen li huma meħtieġa aktar bidliet fundamentali fir-reġjuni l-aktar vulnerabbli. Se jkollna nantiċipaw kollettivament l-effetti fit-tul tat-tibdil fil-klima — b' mod partikolari fuq ir-riżorsi tal-ilma — u niżguraw li s-settur jadatta biex jikseb reżiljenza fit-tul. Dan jimplika diversifikazzjoni jew trasformazzjoni tal-azjendi agrikoli, żvilupp ta' swieq ġodda u riċerka u innovazzjoni ddedikati. Tistgħu sserfu fuq l-attenzjoni tiegħi għal dan ukoll.

6. *Is-settur agrikolu għamel sforzi kbar f'dawn l-aħħar snin u deċennji, inkluż permezz ta' appoġġ immirat fl-ambitu tal-PAK, biex isir aktar favur l-ambjent u l-klima. L-agrikoltura diġà tagħti kontribut importanti għall-implimentazzjoni tal-miri klimatiki, ambjentali u tal-bijodiversità tal-UE u se tkompli tagħmel dan fil-futur, filwaqt li tqis ir-realtà soċjoekonomika, il-kompetittività u l-profittabbiltà tas-settur agrikolu u tal-ikel. Kif beħsiebek tappoġġja lill-bdiewa f'dan il-proċess meħtieġ ta' bidla? Dan jista' jsir fl-ambitu tal-qafas attwali tal-PAK? Minħabba l-ħtieġa għal aktar investiment biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu, tara l-ħtieġa għal baġit akbar tal-PAK u kif se tiżgura finanzjament suffiċjenti? Liema strumenti pubbliċi u privati oħra taħseb li huma meħtieġa biex jappoġġjaw lill-bdiewa fl-għoti ta' servizzi pubbliċi?*

Jeħtieġ li naħdmu flimkien biex niżguraw il-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tas-settur tal-biedja tagħna fil-limiti tal-pjaneta. Nistgħu niksbu dan l-għan komuni biss jekk naħdmu b'mod konġunt fuq it-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà: l-ekonomija, l-ambjent-klima, u soċjetà. Minħabba li dawn it-tliet dimensjonijiet huma interkonnessi, mhux se nirnexxu jekk nipprioritizzaw dimensjoni waħda mingħajr ma niżguraw li l-oħrajn ikunu wkoll fit-triq it-tajba. Dan huwa l-uniku mod biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-settur, is-sigurtà tal-ikel fit-tul għaċ-ċittadini Ewropej permezz ta' provvista abbondanti ta' ikel varjat ta' kwalità u affordabbli, kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u ż-żoni rurali b'saħħithom.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, beħsiebni nibni fuq dak li nkiseb s'issa, fil-qafas tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, kif ukoll permezz ta' inizzjattivi meħuda bħala parti mill-Patt Ekoloġiku, filwaqt li nirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-bdiewa u mill-amministrazzjonijiet nazzjonali. Kif ikkonfermat reċentement mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport tagħha dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tat-30 ta' Settembru 2024, l-“arkitettura ekoloġika” tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-perjodu 2023–2027 tippermetti ambizzjoni ambjentali u klimatika akbar fil-PAK, iżda dan il-potenzjal jeħtieġ li jiġi sfruttat aħjar permezz ta' pjanijiet nazzjonali. Għalhekk se nappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, iżda ninsab ukoll impenjat bis-sħiħ li nindirizza d-dgħufijiet u li nagħmel l-aħjar użu mit-tagħlimiet meħuda, mill-evidenza l-ġdida u mill-feedback mill-partijiet ikkonċernati, f'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri.

Minkejja dan, nemmen li l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK huma għodda xierqa biex jiġu segwiti l-oġġettivi ta' politika tal-PAK b'mod integrat, peress li l-Istati Membri jużawhom biex iħejju u jagħtu reazzjonijiet li huma adattati għall-isfidi fit-territorji tagħhom. Il-PAK — bħala l-akbar sors ta' finanzjament tal-UE għall-ambjent — tista' tiżgura li l-produzzjoni u n-natura jimxu id f'id. Dan issarraf f'ambizzjoni ogħla f'diversi oqsma bi 32 % tal-fondi tal-PAK iddedikati għall-oġġettivi klimatiki, ambjentali u tal-benessri tal-annimali (kważi EUR 97 biljun tal-allokazzjoni tal-pjanijiet tal-PAK għall-2023–2027).

Għall-kuntrarju ta' setturi oħra tal-ekonomija, il-produzzjoni agrikola hija bbażata fuq in-natura u l-ekosistemi, u hija marbuta b'mod inseparabbli magħhom. Hemm esternalitajiet pożittivi ġġenerati mill-agrikoltura, bħaż-żamma tal-pajsaġġi, l-attivitatijiet ekonomiċi f'żoni rurali remoti u l-kontribuzzjonijiet pożittivi għall-bijodiversità minn ċerti prattiki agrikoli. Dawn jeħtieġ li jinżammu. Fl-istess ħin, jeħtieġ li nnaqqsu l-esternalitajiet negattivi, nimmaniġġjaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali u nirrestawrawhom fejn hemm bżonn. Is-saħħa tal-ħamrija, l-adattament għat-tibdil fil-klima, id-dakkir, il-bilanċ tan-nutrijenti, id-dekarbonizzazzjoni u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-fertilizzanti, kif ukoll l-alternattivi tagħhom, biex insemmu xi eżempji ewlenin, huma essenzjali għall-vijabbiltà fit-tul. F'ħafna każijiet, jistgħu jkunu meħtieġa bidliet profondi fil-ġestjoni għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

Ma nistgħux ninsew l-oġġettiv tal-PAK ta' standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola u li għadna niżguraw id-disponibbiltà tal-provvisti bi prezzijiet raġonevoli, kif stabbilit fl-Artikolu 39 tat-Trattat. Irridu nisiltu tagħlimiet minn dak li esprimew il-bdiewa fir-rebbiegħa biex infasslu u nużaw approċċ ġdid biex inwettqu s-sostenibbiltà, biex nappoġġjaw lill-bdiewa li jiddekarbonizzaw u jippreservaw il-bijodiversità.

Nemmen li hemm lok għal promozzjoni ta' eżiti ambjentali u soċjali pożittivi permezz ta' premjijiet u inċentivi għas-servizzi tal-ekosistema. Sabiex niksbu l-ambizzjonijiet kollha se jkollna bżonn ukoll nispeċifikaw aħjar l-appoġġ. Sistema ta' premji u inċentivi għas-servizzi tal-ekosistema se tkun importanti għall-promozzjoni ta' eżiti ambjentali u soċjali pożittivi. Bil-baġit futur tal-UE jeħtieġ li niżguraw li l-PAK tkun immirata u li jiġi stabbilit il-bilanċ it-tajjeb bejn l-inċentivi, l-investimenti u r-regolamentazzjoni. F'dan il-kuntest, se nevalwa speċifikament, fost l-oħrajn, l-aħjar għażliet f'dik li hija kundizzjonalità għall-pagamenti tal-PAK u nagħti attenzjoni mill-qrib lill-inizzjattivi leġiżlattivi f'oqsma oħra ta' impatt potenzjali fuq is-settur agrikolu.

Id-djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-Agrikoltura tal-UE qies li biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE f'termini tal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel, l-iżvilupp rurali, in-newtralità klimatika, u r-restawr tal-bijodiversità jenħtieġu azzjoni u reazzjoni effettivi u effiċjenti biex jintlaħqu l-prioritajiet b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kompetittività,

ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu, is-sovranità tal-ikel tal-UE u biex issir differenza reali fil-komunitajiet rurali tagħna.

Minħabba l-isfidi tat-tranżizzjoni u l-adattament tal-agrikoltura tal-Ewropa, jeħtieġ li nħarsu lil hinn mill-PAK biex ngħinu fil-finanzjament u nnaqsu r-riskju tat-tranżizzjoni. Hemm ħafna bdiewa lesti jinvestu u jinbidlu, iżda ma jistgħux jiksbu finanzjament kummerċjali. Din id-diskrepanza fil-finanzjament, stmata għal EUR 62 biljun (2022), żdiedet f'dawn l-aħħar snin, b'ċerti gruppi bħal bdiewa żgħar jew żgħażaġh bi żvantaġġ partikolari. Id-distakk huwa sinifikanti wkoll fir-rigward tal-“investimenti ekoloġiċi”, peress li dawn ma jwasslux għal redditu immedjat fuq l-investment. Beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investment bil-għan li nimmassimizza s-sorsi ta' investment pubbliku filwaqt li nuża u nneħħi r-riskji tal-kapital privat. Se nħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mill-istrumenti finanzjarji fi ħdan il-PAK kif ukoll minn appoġġ għall-innovazzjoni mill-aktar avvanzata u t-trasferiment tal-għarfien.

Jiena se nkompli nesplora mudelli ta' negozju u opportunitajiet ġodda għal sorsi addizzjonali ta' introjtu għall-bdiewa, li jirriżultaw minn ekonomija newtrali għall-klima u pożittiva għan-natura, bħall-bijoeconomija (il-valorizzazzjoni tar-residwi, l-iskart jew il-bijomassa) jew is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ċ-ċertifikazzjoni tal-bijodiversità (krediti tal-karbonju u krediti tan-natura). Il-bdiewa jistgħu jiddiversifikaw l-introjtu tagħhom ukoll billi jsiru produtturi tal-enerġija rinnovabbli. Jeħtieġ ukoll li ninvolvu ruħna u naqsmu r-responsabbiltà mal-industrija tal-ikel u x-xorb u l-konsumaturi fl-isforzi tagħna. L-industrija tal-ikel tiddependi fuq il-bdiewa biex jiksbu l-inputs tagħhom: għalhekk, għandha interess eżistenzjali f'settur agrikolu f'saħħtu, sostenibbli u reżiljenti. Dan is-settur jenħtieġ għalhekk li jikkontribwixxi b'mod ġust biex jippremjja lill-bdiewa li jipproduċu prodotti agrikoli b'mod aktar sostenibbli.

7. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-iżvilupp tas-settur tal-bhejjem filwaqt li tikkontribwixxi għall-pjan ta' azzjoni dwar il-klima? Kif beħsiebek tagħti spinta lill-innovazzjoni f'dan il-qasam? Kif tiżgura implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-leġiżlazzjoni mmirata lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet li jaffettwaw is-settur tal-bhejjem, u kif se tevita diversi saffi legali u piż amministrattiv addizzjonali għall-bdiewa?

L-għadd ta' bhejjem fl-UE jkompli jonqos, b'7.8 % f'dawn l-aħħar għaxar snin, iżda dan it-tnaqqis mhuwiex mifrux b'mod uniformi madwar l-UE. L-għadd tal-annimali bovini naqas b'5 %, il-ħnieżer b'6 %, in-nagħaġ b'9 % u l-mogħoż bi 15 % (2023 meta mqabbel mal-2013).

L-iżgurar ta' settur tal-bhejjem sostenibbli u kompetittiv fl-UE mhuwiex biss prijorità agrikola iżda għan strateġiku li jorbot ma' għanijiet usa' ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika. Huwa pilastru kruċjali tas-sistema agroalimentari tal-UE li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel, l-impjiegi rurali, u l-preservazzjoni ta' pajsaġġi diversi u sbieħ madwar l-Ewropa, kif ukoll tal-wirt kulturali tagħna. Meta jkun ibbażat fuq azjendi agrikoli ġestiti mill-familji jista' jkollu rwol ċentrali fiż-żamma tal-vitalità rurali. F'reġjuni muntanjużi jew f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, it-trobbija tal-bhejjem spiss tkun l-unika attività ekonomika vijabbli. Mingħajrha, dawn iż-żoni jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' abbandun tal-art, depopolazzjoni akbar, telf ta' impjiegi, u staġnar ekonomiku. Fl-istess ħin, it-trobbija tal-bhejjem għandha impatti klimatiċi u ambjentali magħrufa sew fuq l-ilma, l-arja, il-ħamrija u n-natura li jridu jiġu indirizzati.

Beħsiebni ntejjeb il-prestazzjoni tas-settur tal-bhejjem f'termini ta' sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali, billi nipprovdih b'qafas favorevoli skont il-PAK, f'koerenza ma' politiki oħra, b'mod partikolari dawk relatati mal-klima u l-ambjent. Se niżgura li dan l-oġettiv jissarraf f'approċċ olistiku li jirriżulta fi prinċipji gwida ċari biex jiġu implimentati fil-livell tal-azjendi agrikoli kif ukoll tul il-katina tal-provvista. It-tnaqqis tat-toqol amministrattiv li huwa ta' piż fuq il-bdiewa se jkun fuq moħħi l-ħin kollu.

Filwaqt li l-emissjonijiet agrikoli ilhom jonqsu bi ftit fl-UE matul l-aħħar żewġ deċennji, xejra li mistennija tkompli fil-futur, is-settur tal-bhejjem irid isegwi t-tranżizzjoni tiegħu lejn prattiki aktar sostenibbli. Bl-istess mod, huwa importanti li jiġi enfasizzat li f'xi żoni speċifiċi l-pessjoni tal-bhejjem kibret lil hinn mil-limiti u hija meħtieġa azzjoni biex jinġieb lura l-bilanċ. Dan jirrikjedi approċċ komprensiv, u l-PAK għandha tkompli tipprovdha lill-Istati Membri l-għodod meħtieġa biex jindirizzaw dawk l-isfidi, eż. il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli, il-ħolqien ta' mudelli ta' negozju alternattivi, l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp, u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

Sistemi bbażati fuq il-mergħat, pereżempju, jipprovdha diversi servizzi ambjentali. Ir-ruminanti li jirgħu, jaġixxu bħala soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, jimmaniġġjaw il-bijomassa tal-bwar, inaqsu r-riskju ta' nirien fil-foresti, u jappoġġjaw il-ħażna tal-karbonju fil-ħamrija. L-annimali li jirgħu, jgħinu fiż-żamma tas-saħħa tal-ekosistemi billi jżidu l-fertilità tal-ħamrija permezz tar-ritorn tal-materja organika u tan-nitroġenu. Ir-ragħa jappoġġja wkoll il-bijodiversità, pereżempju d-demel li jitħalla wara johlqo habitats għall-insetti u l-għasafar.

Barra minn hekk, is-sistemi tal-bhejjem ibbażati fuq il-ħaxix jikkontribwixxu għas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija, u għandhom sehem fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Sistemi estensivi tal-bhejjem jipprovdu wkoll mezz sostenibbli ta' produzzjoni tal-ikel f'territorji fejn il-produzzjoni tal-għeġġel mhix vijabbli, u dan ikompli jsaħħaħ ir-rwol tagħhom fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn il-prattiki sostenibbli għandhom bżonn jiġu appoġġjati u ppremjati mis-swieq.

L-approċċi mfassla apposta li jqisu l-kundizzjonijiet lokali, il-prattiki tal-biedja, u r-realtajiet ekonomiċi huma essenzjali.

Għalkemm saru ħafna sforzi, huwa meħtieġ aktar tnaqqis fl-emissjonijiet. L-ewwel se nibdew billi ntejbu l-mod kif jitkejju l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kemm fil-livell tal-azjendi agrikoli kif ukoll f'dak nazzjonali, biex ikun jista' jkollna *data* kkonsolidata fil-livell tal-UE. Jeħtieġ li nkopru aħjar l-effetti tal-prattiki tajba fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli għax dawn mhumiex rikonoxxuti biżżejjed mis-swieq jew fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra. Barra minn hekk, l-innovazzjoni teknoloġika se jkollha sehem kruċjali f'din it-tranżizzjoni. Il-biedja ta' preċiżjoni, il-programmi ddedikati għat-tnissil, il-prattiki mtejbja tas-saħħa tal-annimali, l-addittivi tal-għalf li jnaqqsu l-metan, il-ġestjoni tad-demel, il-ġestjoni integrata tar-raġġa u s-soluzzjonijiet innovattivi tal-għalf kollha se jkunu kritiċi fit-tnaqqis tal-impronta ambjentali tat-trobbija tal-bhejjem. Se nkun partikolarment attent għall-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni li qed jiġihaddem, u se niżgura li r-riżultati promettenti tiegħu jkunu disponibbli għal kulħadd; dawk l-approċċi li ma jagħmlux ħsara lill-klima għandhom jiġu implimentati fil-qasam.

Hemm diversi prinċipji gwida għall-futur tas-settur: evidenza xjentifika, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, u innovazzjoni teknoloġika. Fit-tfassil ta' perspettivi fit-tul għas-settur, se niżgura li d-diskussjonijiet ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika robusta, sabiex id-deċiżjonijiet ta' politika jkunu infurmati mill-fatti, u l-partijiet ikkonċernati kollha — inklużi l-bdiewa, il-konsumaturi, is-soċjetà ċivili, ix-xjenzati u dawk li jfasslu l-politika — ikunu involuti fit-tfassil tal-futur tas-settur u jwasslu l-innovazzjoni fil-prattika.

Kif tennejt diġà, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nipprepara Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel fl-ewwel 100 jum tal-mandat il-ġdid, filwaqt li nibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tad-Djalogu Strateġiku, u l-futur tal-bhejjem se jkun parti integrali minn dan. Billi nappoġġjaw l-innovazzjoni u nippromwovu soluzzjonijiet imfassla apposta, nistgħu nibnu futur reżiljenti u sostenibbli għat-trobbija tal-bhejjem fl-UE.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

8. Kif se twettaq l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi (il-gassijiet serra inkluż il-metan), filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika u soċjali tal-bdiewa tal-UE, kif ukoll ir-rwol tagħhom fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel tal-UE? Tista' tipprowdi dettalji dwar is-sistema proposta ta' valutazzjoni komparattiva għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni sostenibbli biex jiġu armonizzati l-metodoloġiji dwar il-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli? Fuq liema kriterji se tkun ibbażata? Kif se tnaqqas il-piż amministrattiv fuq is-settur? Kif tipprowdi li tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030 għall-biedja organika? Kif qed tippjana li taħdem flimkien mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali dwar l-approċċ "Saħħa Waħda", u dwar il-qafas leġiżlattiv għal sistemi tal-ikel sostenibbli? Dwar dan l-aħħar punt, qed tippjana li tinkludi din il-proposta fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2025? Kif se tiżgura li dan il-qafas leġiżlattiv jindirizza l-firxa sħiħa ta' partijiet ikkonċernati u jieħu approċċ integrat għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà tul il-katina tal-valur mill-agricoltura, għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, għall-benesseri tal-annimali, u għal dieti sostenibbli aktar tajbin għas-saħħa u ikel ta' kwalità għolja?

Minħabba l-impatt tal-agricoltura u tas-sistemi tal-ikel fuq il-klima u l-ambjent, għandna bżonn approċċ konġunt u koerenti dwar kif partijiet differenti tas-sistema tal-ikel jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi u jindirizzaw l-isfidi ambjentali. L-agricoltura, bħal kull settur ieħor, trid tagħti sehemha. Il-produzzjoni tal-ikel hija bbażata fuq in-natura u l-ekosistemi, u hija marbuta b'mod inseparabbli magħhom. Mingħajr ħamrija f'saħħitha, il-bdiewa tagħna ma jkollhom ebda introjtu.

Sabiex jiġu żgurati riżultati dwar l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi, hija meħtieġa enfasi aktar qawwija fuq l-inċentivi u l-investimenti biex jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn l-inċentivi, l-investimenti u r-regolamentazzjoni. Għalhekk hija l-intenzjoni tiegħi li nibni fuq l-isforzi li diġà huma importanti fuq l-ambjent u l-klima mwettqa fil-qafas attwali ta' appoġġ tal-PAK — b'mod konġunt fi ħdan il-liġijiet ambjentali u klimatiċi approvati jew fuq il-mejda, inkluż ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura. Għall-finijiet tal-agricoltura nnifisha, jeħtieġ li niżguraw b'mod effettiv il-fertilità tal-ħamrija, innaqqsu t-telf tan-nutrijenti u nreġġgħu lura l-bijodiversità u s-servizzi tagħha, mingħajr ma nippenalizzaw lill-bdiewa.

Taħt il-PAK, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-emissjonijiet, l-ewwel nett billi ntejbu l-mod kif jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-azjendi agrikoli, biex ikun jista' jkollna *data* kkonsolidata fil-livell tal-UE. Jeħtieġ li naqdbu aħjar l-effetti tal-prattiki tajba fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli, peress li diġà saru ħafna sforzi: dawn mhumiex rikonoxxuti biżżejjed mis-swieq jew fl-inventarju nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra. It-tieni, it-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-agrikoltura, inkluż il-metan, se jirrikjedi t-tiżiħ ta' ċerti għodod taħt il-PAK u l-immirar ulterjuri tal-appoġġ, inkluż fuq territorji speċifiċi jew it-trobbija tal-annimali, kif ukoll l-innovazzjonijiet fil-ġestjoni tad-demel.

Hemm opportunitajiet għal biedja ambjentalment sostenibbli u ekonomikament vijabbli, kif muri mis-settur organiku. Ninsab fiduċjuż ħafna dwar il-potenzjal tas-settur fl-UE. Beħsiebni nibqa' niffoka fuq l-iżvilupp tas-settur. Illum, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprevedu appoġġ sostanzjali u miri ambizzjużi għas-settur organiku u se jkun importanti li jinżamm l-appoġġ biex jiġu ffaċilitati l-konverżjoni kif ukoll iż-żamma tal-biedja organika. Jeħtieġ li nkunu daqstant ieħor attenti biex nappoġġjaw l-iżvilupp tad-domanda tas-suq għall-prodotti organiċi u biex inħeġġu l-konsum, ngħidu aħna permezz ta' politika ta' promozzjoni jew bidliet fir-regoli tal-akkwist pubbliku.

Hemm interkonnessjonijiet ċari bejn is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjent, kif rifless fl-approċċ "Saħħa Waħda". Iż-żamma ta' approċċ olistiku hija dejjem aktar meħtieġa biex tiġi ppreservata r-reżiljenza fit-tul tas-sistema tal-ikel tal-UE, iżda rridu niksbru dan l-objettiv fit-tul b'approċċ ġdid għas-sostenibbiltà, kif irrakkomandat ukoll mid-Djalogu Strateġiku. Aktar minn proposti leġiżlattivi ġodda, nistgħu niksbru l-objettivi tagħna billi nimplimentaw u ninfurzaw aħjar il-leġiżlazzjoni eżistenti filwaqt li nużaw inċentivi u għodod ġodda bbażati fuq is-suq biex nipromwovu l-bidla. B'dan il-mod, beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benessri tal-Annimali, kif ukoll mal-Kummissarju għas-Sajd u għall-Oċeani, il-Kummissarju għall-Ambjent u għar-Reżiljenza tal-Ilma u għal Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, il-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, u oħrajn.

Approċċ prammatiku minn isfel għal fuq, li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa, se jkun ċentrali. Fost l-oħrajn, beħsiebni naħdem mal-bdiewa, mal-atturi tal-katina tal-provvista tal-ikel kollha, mar-rappreżentanti tal-konsumaturi u max-xjenza biex niżviluppa valutazzjoni armonizzata tas-sostenibbiltà fl-azjendi agrikoli — is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva. Abbażi tas-sistemi pubbliċi u privati eżistenti u filwaqt li jitqiesu r-realtajiet fl-azjendi agrikoli, dan jista' jgħin lill-bdiewa jirreġistraw *data* dwar is-sostenibbiltà darba biss, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv. Dan itejjeb il-kapaċità tal-bdiewa li jqabblu l-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom u juri t-tensjonijiet li jeżistu bejn id-dimensjonijiet differenti tas-sostenibbiltà. Dan jista' jservi bħala l-bażi għal skemi ta' sostenibbiltà pubbliċi jew privati potenzjali, kif stabbilit fir-rapport dwar id-Djalogu Strateġiku. L-istabbiliment ta' sistema ta' valutazzjoni komparattiva fl-UE kollha fis-settur agroalimentari se jkun għodda li thegġegħ lill-bdiewa jinvolvu ruħhom fi Prattiki sostenibbli u dan tippermettilhom li juruh biex jiksbru remunerazzjoni aħjar mis-suq.

Id-djalogu Strateġiku jidentifika wkoll il-promozzjoni ta' bidla lejn dieti aktar ibbilanċjati bħala kruċjali għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini. Jekk niġi kkonfermat, se nikkollabora mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali biex nimxu 'l quddiem f'dan il-qasam, filwaqt li nirrikonoxxi l-limiti għall-kompetenzi tal-UE dwar il-konsum tal-ikel. Fuq kollox, l-ikel għandu dimensjoni soċjali u kulturali qawwija: l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jaġixxu, billi huma responsabbli għall-edukazzjoni, is-saħħa pubblika u t-tassazzjoni, li huma elementi ewlenin biex jappoġġjaw dieti sostenibbli u tajbin għas-saħħa. Madankollu, hemm oqsma fejn l-UE tista' żżid il-valur u tappoġġja jew tikkomplementa dawn l-isforzi.

Ninsab determinat li nsegwi l-programm ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli u tal-ikel f'konformità mal-appoġġ ġenerali tal-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, jien determinat ukoll li nkompli u nsaħħa aktar l-effettività tal-Iskema tal-UE għall-Iskejje. Huwa wieħed minn daww l-istrumenti uniċi fil-livell tal-UE li jilħaq l-aktar udjenza importanti, jiġifieri t-tfal tal-iskola, li mhux biss għandhom jibbenefikaw minn varjeta' ta' prodotti agrikoli tajbin għas-saħħa, bħall-frott u l-ħxejjex u l-prodotti tal-ħalib, iżda wkoll jitgħallmu aktar dwar il-biedja, l-ambjent u d-dieti bbilanċjati. Barra minn hekk, ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi li jakkwistaw l-ikel iqisu ċerti kriterji ta' sostenibbiltà. Dwar dan l-aspett ukoll nintrabat li naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u l-Istrateġija Industrijali u l-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali.

It-titjib fil-benessri tal-annimali tal-irziezet għandu benefiċċji tanġibbli għall-bdiewa, b'mod partikolari t-tnaqqis tar-riskji ta' tifqigħat ta' mard, kif ukoll it-tnaqqis tal-użu ta' prodotti mediċinali b'impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-morbidity u r-rati ta' mortalità, kif ukoll profittabbiltà ogħla tat-trobbija tal-bhejjem. Il-PAK attwali tappoġġja lill-bdiewa biex jiksbru livelli ogħla ta' benessere u saħħa għall-annimali. Jekk

niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali, b'mod partikolari biex nimmodernizza r-regoli dwar il-benessri tal-annimali, f'konformità ma' fatturi xjentifiċi, ambjentali, ekonomiċi u soċjali.

Dwar il-ħela tal-ikel, jekk niggi kkonfermat bħala Kummissarju, flimkien mal-Kummissarju għall-Ambjent kif ukoll mal-Kummissarju għas-Saħħa u għall-Benesseri tal-Annimali, nintrabat li nħaffef il-progress tal-UE lejn il-Mira tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12.3 li titnaqqas bin-nofs il-ħela globali tal-ikel fil-livelli tal-bejgħ bl-immnut u tal-konsumatur u li jitnaqqas it-telf tal-ikel sal-2030, filwaqt li nindirizza l-integrazzjoni tal-ħela/tat-telf tal-ikel fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, inkluża l-agrikoltura. Se nappoġġja azzjoni ulterjuri li twassal għat-tnaqqis tal-ħela u t-telf tal-ikel.

Mistoqsija mill-Kumitat għas-Sajd

9. Fl-implimentazzjoni tal-portafoll tiegħek, kif se tqis l-importanza tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, il-kontribut tagħhom għas-sovranià tal-ikel tal-UE u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul?

Is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura huma pilastru fundamentali ta' ħafna komunitajiet madwar il-kontinent, li għandhom sehem kruċjali għas-sigurtà tal-ikel, kif ukoll għall-impjiegi u l-attività ekonomika f'diversi reġjuni.

Minkejja dan, nimportaw kważi 70 % tal-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura kkunsmati fl-UE. Il-produzzjoni Ewropea tal-akkwakultura għadha relattivament baxxa u stabbli, minkejja l-potenzjal enormi tagħha.

Jekk niggi kkonfermat bħala Kummissarju, se nikkollabora mill-qrib mal-Kummissarju għas-Sajd u għall-Oċeani biex niżgura li l-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel tqis is-sajd u l-akkwakultura. Se naħdmu wkoll b'mod konġunt mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u għar-Riformi biex intejbu l-attraenza taż-żoni rurali u kostali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri.

Biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel, jeħtieġ li l-UE tippromwovi settur tas-sajd u tal-akkwakultura kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti u tippreserva l-vitalità taż-żoni rurali, kostali u tax-xmajjar tagħna. Irridu nżommu f'moħħna wkoll li l-ibħra tagħna jiġu affettwati ħafna minn dak li jiġri fuq l-art. Pereżempju, it-telf tan-nutrijenti għandu impatti negattivi kemm fuq l-agrikoltura kif ukoll fuq l-oċean, u dan jimplika spejjeż għas-sajd u t-turiżmu. Nemmen bis-sħiħ li għandna nagħżlu approċċ olistiku għas-sistema tal-ikel b'mod ġenerali, filwaqt li nqisu kemm l-agrikoltura kif ukoll is-sajd u l-akkwakultura.

Il-konsumaturi jagħtu sehem ewlieni fl-akkumpanjament ta' din it-tranżizzjoni. Il-prezzijiet jibqgħu raġuni prinċipali fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar dak li jikkunsmaw. Huwa importanti li jinħoloq ambjent abilitanti xieraq fejn prattiki aktar sostenibbli jiġu ppremjati mis-suq. L-informazzjoni lill-konsumaturi tibqa' qasam fejn aktar ħidma tkun ta' għajjnuna għal tranżizzjoni bla xkiel għas-sostenibbiltà: jeħtieġ li naħdmu flimkien f'oqsma bħal tikkettar tal-orijini aktar dettaljat.